

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1124/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

kien ta' 7 %. Il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali kien mill-1 ta' Ottubru 1997 sat-30 ta' Settembru 1998.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikoli 19 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(2) Il-Kunsill, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 ⁽⁴⁾, wara revizzjoni ta' għeluq iż-żmien skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, żamm id-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 2597/1999 dwar importazzjonijiet tal-film tal-PET li joriġinaw fl-Indja. Il-perjodu ta' l-investigazzjoni fil-qafas tar-reviżjoni kien mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004.

(3) Il-Kunsill, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2006, wara revizzjoni interim dwar is-sussidjar ta' produttur Indjan ieħor tal-film tal-PET, Garware Polyester Limited ('Garware'), emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

A. PROĊEDURA

I. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri eżistenti

(1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2597/1999 ⁽²⁾, impona dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate ("PET") li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90 u li joriġina fl-Indja ("il-prodott ikkonċernat"). L-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, minn hawn 'il quddiem tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali". Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju ad valorem, li jvarja bejn 3.8 % u 19.1 %, impost fuq l-importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata residwa ta' dazju ta' 19.1 % imposta fuq l-importazzjonijiet tal-prodott mill-kumpaniji l-oħrajn kollha. Id-dazju kumpensatorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-film tal-PET immanifatturat u esportat minn Jindal Poly Films Limited, li qabel kienet magħrufa bħala Jindal Polyester Ltd ⁽³⁾, ('Jindal' jew 'il-kumpanija'),

II. Bidu ex officio ta' revizzjoni interim parzjali

(4) Evidenza *prima facie* disponibbli għall-Kummissjoni indikat li Jindal gawdjet minn livelli miżjuda ta' sussidjar, meta mqabbel ma' l-investigazzjoni oriġinali, u li l-bidiet għal dawn il-livelli kienu ta' natura permanenti.

III. L-investigazzjoni

(5) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet, wara li kkon-sultat lill-Kumitat Konsultattiv, li tibda revizzjoni interim parzjali ex officio skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, illimitata għal-livell ta' sussidjar li jingħata lil Jindal, biex tiġi evalwata l-ħtieġa għall-issoktar, it-tneħħija jew l-emendar tal-miżuri kumpensatorji eżistenti. Fit-2 ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ta' inizjazzjoni ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾, il-bidu ta' din ir-reviżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.

⁽³⁾ ĠU Ċ 297, 2.12.2004, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1288/2006 (ĠU L 236, 31.8.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU Ċ 180, 2.8.2006, p. 90.

- (6) Il-perjodu ta' investigazzjoni fil-qafas tar-reviżjoni ('PI tar-reviżjoni') kien mill-1 ta' April 2005 sat-31 ta' Marzu 2006.
- (7) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lil Jindal, il-Gvern ta' l-Indja u Du Pont Tejin Films, il-Lussemburgu, Mitsubishi Polyester Film, il-Ġermanja, Toray Plastics Europe, Franza u Nuroll, l-Italja, li jirrappreżentaw il-maġġoranza assoluta tal-produzzjoni Komunitarja tal-film tal-PET (minn hawn 'il quddiem 'l-industrija Komunitarja'), bil-bidu tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' l-inizjazzjoni.
- (8) Biex tinkiseb l-informazzjoni neċessarja għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lil Jindal, li kkoperat billi wiegħbet għall-kwestjonarju. Saret żjara ta' verifika fl-istabbiliment ta' Jindal fl-Indja.
- (9) Jindal, il-Gvern ta' l-Indja u l-industrija Komunitarja ġew infurmati bir-riżultati essenzjali ta' l-investigazzjoni u ngħataw l-opportunità jikkumentaw. Il-kummenti li waslu mingħand Jindal huma diskussi hawn taħt. Il-Gvern ta' l-Indja ma kkumentax.
- (vi) Export Credit Scheme (l-Iskema tal-Kreditu għall-Esportazzjoni, ECS);
- (vii) Duty-Free Replenishment Certificate (iċ-Ċertifikat ta' Riforniment Ħieles mid-Dazju, DFRC).
- (12) L-iskemi (i) sa (iv) u (vii) ta' hawn fuq huma bbażati fuq l-Att ta' l-1992 dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolament) (Nru 22 ta' l-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 (l-Att dwar il-Kummerċ Barrani). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-Gvern ta' l-Indja biex joħroġ notifikati dwar il-politika ta' l-esportazzjoni u l-importazzjoni. Pjan multi-annwali marbut mal-politika tal-kummerċ barrani ta' l-Indja għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2009, li ħadet post il-politika preċedenti għall-esportazzjoni u l-importazzjoni (EXIM), ġie ppubblikat mill-Gvern ta' l-Indja ('FTP 2004-09'). Barra minn hekk, ġie ppubblikat manwal ta' proċeduri li jirregolaw l-FTP 2004-09 ('HOP I 2004-09') u dan jiġi aġġornat fuq bażi regolari (¹).
- (13) L-Iskema ta' Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul (EITES) f(v) hawn fuq hija bbażata fuq l-Att ta' l-1961 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul li jiġi emendat kull sena mill-Att dwar il-Finanzi.

B PRODOTT IKKONĊERNAT

- (10) Il-prodott ikkonċernat huwa film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja, normalment iddikjarat taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90, kif definit fl-investigazzjoni oriġinali.
- (14) L-Iskema tal-Kreditu għall-Esportazzjoni (ECS) f(vi) hawn fuq hija bbażata fuq it-taqsimiet 21 u 35 A ta' l-Att ta' l-1949 dwar ir-Regolamentazzjoni ta' l-Attività Bankarja, li jippermetti lill-Bank tar-Riserva ta' l-Indja jagħti struzzjonijiet lill-banek kummerċjali dwar il-kreditu fuq l-esportazzjoni.

Ċ. SUSSIDJI

I. Introduzzjoni

- (11) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli u t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:
- (a) *Skemi nazzjonali*:
- (i) Advance Licence Scheme (l-Iskema tal-Liċenzja bil-quddiem);
- (ii) Duty Entitlement Passbook Scheme (l-Iskema tal-Passbook għall-Intitolat tad-Dazji, DEPBS);
- (iii) Export Oriented Units Scheme/Special Economic Zones Scheme (l-Iskema ta' l-Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni/Skema taż-Żoni Ekonomiċi Speċjali);
- (iv) Export Promotion Capital Goods Scheme (l-Iskema ta' l-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni ta' l-Esportazzjoni, EPCGS);
- (v) Export Income Tax Exemption Scheme (l-Iskema ta' Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul għall-Esportazzjoni, EITES);
- (b) *Skemi Reġionali*
- (15) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni investigat ukoll il-Pakkett ta' Skemi ta' Inċentivi (minn hawn 'il quddiem, il-'PSI') tal-Gvern tal-Maharashtra fl-1993. Din l-iskema hija bbażata fuq riżoluzzjonijiet tad-Dipartiment ta' l-Industrija, l-Enerġija u x-Xogħol tal-Gvern ta' Maharashtra.

II. Skemi Nazzjonali

1. Advance Licence Scheme ('ALS') (l-Iskema tal-Liċenzja Bil-Quddiem)

(a) Bażi legali

- (16) Id-deskrizzjoni ddettaljata ta' l-iskema tinsab fil-paragrafi 4.1.3 sa 4.1.14 tal-politika-FTP 2004-2009 u l-kapitoli 4.1 sa 4.30 ta' l-HOP I 2004-2009. L-iskema ġiet mibdula f'April 2006, jiġifieri wara tmien il-PI tar-reviżjoni, mill-"Advance Authorisation Scheme" (l-Iskema ta' l-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem). Madankollu, dan jidher li huwa biss essenzjalment bdil ta' l-isem. L-analiżi li ġejja tiffoka fuq l-ALS fis-seħħ matul il-PI tar-reviżjoni.

(¹) Notifika Nru 1 (RE-2006)/2004-2009 tas-7.4.2006 tal-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Gvern ta' l-Indja.

(b) *Eliġibilità*

- (17) L-ALS tikkonsisti minn sitt sottoskemi. Dawk is-sottoskemi għandhom, fost oħrajn, għanijiet ta' eliġibilità differenti. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta" ma' manifatturi sekondarji jkunu eliġibbli għall-ALS għall-esportazzjonijiet fiżiċi u għall-ALS għal rekwiżit annwali. Il-kuntratturi ewlenin li jforu lill-kategoriji "meqjusa bħala esportati" (deemed exports) imsemija fil-paragrafu 8.2 ta' l-FTP 2004-09, bħall-fornituri ta' Unità Orjentata lejn l-Esportazzjoni ('EOU – Export Oriented Unit'), huma eliġibbli għall-ALS deemed export. Il-produtturi-esportaturi li jforu l-esportatur finali jkunu eliġibbli għall-ALS għall-provvisti intermedji. Fl-aħħarnett, il-fornituri intermedji li jforu lil manifatturi-esportaturi huma eliġibbli għal benefiċċji "deemed export" taħt is-sottoskemi Advance Release Order ('ARO') u Back-to-back Inland Letter of Credit. Billi l-ewwel erbgħa biss mis-sitt sottoskemi ntużaw minn Jindal matul il-PI tar-reviżjoni, dawk biss se jiġu deskritti f'iktar dettall hawn taħt.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (18) Liċenzji bil-quddiem jistgħu jinħarġu għal:

- (i) *Esportazzjonijiet fiżiċi*: Din hija s-sottoskema prinċipali. Hija tippermetti l-importazzjoni bla dazju tal-materjal li jidħol fil-produzzjoni tal-prodott speċifiku li jirriżulta għall-esportazzjoni. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid jitlaq mit-territorju Indjan. Kwota għall-importazzjoni u l-obbligu ta' l-esportazzjoni, inkluż it-tip ta' prodott għall-esportazzjoni, ikunu speċifikati fil-liċenzja.
- (ii) *Rekwiżit annwali*: Din il-liċenzja mhix marbuta ma' prodott għall-esportazzjoni speċifiku, imma ma' grupp usa' ta' prodotti (per eżempju prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur tal-liċenzja jista' - sa ċertu limitu fil-valur stabbilit mill-esportazzjonijiet preċedenti - jimporta bla ħlaq ta' dazju dak kollu li jkun se jintuża fil-manifattura ta' kull oġġett li jaqa' taħt dan il-grupp ta' prodotti. Jista' jagħżel li jesporta kull prodott li jirriżulta li jaqa' taħt dan il-grupp ta' prodotti li juża dan il-materjal eżentat mid-dazju.
- (iii) *Esportazzjonijiet meqjusa (deemed exports)*: Din is-sottoskema tippermetti lil kuntrattur prinċipali li jimporta bla dazju dak li jkun meħtieġ li jidħol fil-produzzjoni ta' l-oġġetti li se jinbiegħu bħala "esportazzjonijiet meqjusa" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2 (b) sa (f), (g), (i) u (j) ta' l-FTP 2004-09. Skond il-Gvern ta' l-Indja, esportazzjonijiet meqjusa jirreferu għal dawk it-transazzjonijiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jgħorġux mill-pajjiż. Għadd ta' kategoriji ta' provvisti jitqiesu bħala esportazzjonijiet meqjusa sakemm l-oġġetti jiġu mmanifatturati fl-Indja, pereżempju, provvista ta' oġġetti lil EOU jew

lil kumpanija li tkun tinsab f'żona ekonomika speċjali ('SEZ').

- (iv) *Provvisti intermedji*: Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkollhom il-ħsieb li jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess tal-produzzjoni. Il-manifattur-esportatur jipproduċi l-prodott intermedju. Huwa jista' jimporta bla ħlaq ta' dazju l-materjal li jidħol fil-prodott u għal din ir-raġuni jista' jikseb l-ALS għall-provvisti intermedji. L-esportatur finali jwassal fit-tmiem il-produzzjoni u jkun obligat li jesporta l-prodott lest.
- (19) Kif intqal hawn fuq, Jindal użat l-ALS matul il-PI tar-reviżjoni. Biex wieħed ikun iktar preċiż, hija għamlet użu mill-erba' sottoskemi indikati taħt il-punti (i) sa (iv) ta' hawn fuq.
- (20) Għal skop ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, id-detentur ta' liċenzja huwa obligat legalment li jżomm "rendikont veru u xieraq tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importati b'referenza għal-liċenzja" fil-format speċifikat (il-kapitolu 4.30 HOP I 2004-09) (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru tal-konsum"). Il-verifika wriet li l-kumpanija ma żżommx tajjeb ir-reġistru tagħha tal-konsum, jiġifieri li ma żammix rekord tar-rabta bejn il-materjal tal-produzzjoni u d-destinazzjoni finali tal-prodott li jirriżulta, kif rikjest mill-format mitlub mill-Gvern ta' l-Indja, minkejja li mhux biss tesporta il-prodott finali iżda tbiegħu fis-suq domestiku wkoll.
- (21) Fir-rigward tas-sottoskemi (i) u (ii) hawn fuq, kemm il-kwota għall-importazzjoni kif ukoll l-obbligu ta' l-esportazzjoni (inkluż dak ta' l-esportazzjonijiet meqjusa) ikunu ffissati fil-volum u fil-valur mill-Gvern ta' l-Indja u jkunu dokumentati fuq il-liċenzja. Barra dan, fil-waqt ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet li jikkorrispondu jridu jkunu dokumentati mill-uffiċjali tal-Gvern fuq il-liċenzja. Il-volum ta' l-importazzjonijiet konċess taħt din l-iskema jkun iddeterminat mill-Gvern ta' l-Indja fuq il-bażi tan-normi standard ta' dħul-ħruġ ('SIONs' – Standard Input-Output Norms). Is-SIONs jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott ikkonċernat u huma ppubblikati fil-Volum II tal-HOP I 2004-09. Is-SIONs għall-film tal-PET u laqx tal-PET, prodott intermedju, ġew riveduti 'l isfel f'Ottubru 2005.
- (22) Fir-rigward tas-sottoskema (iii), ġie nnotat li l-esportazzjonijiet li jissodisfaw l-obbligu rispettiv skond l-ALS kienu essenzjalment bejgħ ġol-kumpanija stess, jiġifieri unità ta' Jindal (li mhijiet entità legali separata) li tipproduċi laqx tal-PET biegħet il-laqx tal-PET għall-produzzjoni iktar avvanzata tal-film tal-PET lill-EOU ta' Jindal. L-importazzjoni tal-materja prima saret fil-kuntest tal-manifattura tal-prodott intermedju (laqx tal-PET). Fi kliem ieħor, taħt is-sottoskema (iii), il-bejgħ domestiku ma jitqies li hu esportazzjoni.

- (23) Fir-rigward tas-sottoskema (iv) il-materjali tal-produzzjoni li nkisbu domestikament minn Jindal jitneħħew mil-Liċenzja bil-Quddiem ta' Jindal u Liċenzja bil-Quddiem tinħareġ lill-fornitur domestiku. Id-detentur ta' tali Liċenzja intermedja bil-Quddiem jista' jimporta, mingħajr dazju, il-prodotti meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodott li mbagħad jiġi fornut lil Jindal bħal materja prima għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (24) Fil-każ tas-sottoskema (ii) elenkata hawn fuq (l-ALS għal rekwiżit annwali), il-valur tal-kwota għall-importazzjoni biss tkun iddokumentata fuq il-liċenzja. Id-detentur ta' liċenzja jkun obligat li "jżomm ir-rabta bejn dak li jkun importat għall-produzzjoni u l-prodott li jirriżulta" (il-paragrafu 4.24 A(c) HOP I 2004-09).
- (25) Il-materjali importati għall-produzzjoni ma jkunux trasferibbli u jridu jintużaw biex ikun maħdum il-prodott li jirriżulta għall-esportazzjoni. L-obbligu ta' l-esportazzjoni jrid ikun osservat fit-tul ta' żmien preskritt wara l-ħruġ tal-liċenzja (18-il xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull waħda, jiġifieri total ta' 30 xahar).
- (26) Il-verifika wriet li r-rata speċifika ta' konsum tal-kumpanija tal-materja prima prinċipali meħtieġa biex tipproduċi kilogramma ta' film tal-PET, fi gradi varji skond il-kwalità tal-film tal-PET u kif irrappurtata fir-reġistru tal-konsum, kienet iktar baxxa mis-SION korrispondenti. Dan kien ovvjament il-każ fir-rigward tas-SION preċedenti għall-film tal-PET u l-laqx tal-PET u, sa ċertu punt inqas, tas-SION rivedut li daħal fis-seħħ f'Settembru 2005, jiġifieri matul il-PI tar-reviżjoni. Fi kliem ieħor, Jindal kienet permessa timporta mingħajr dazju, skond is-SION, iktar materja prima milli hteiget għall-proċess tal-manifattura tagħha. Dan għamel ir-reġistru tal-konsum, f'konformità ma' l-FTP 2004-09, l-element kruċjali ta' verifika. Madankollu, dan ir-reġistru ma kienx miżmum tajjeb u lanqas ma ġie qatt spezzjonat mill-Gvern ta' l-Indja sa issa. Il-kumpanija sostniet li l-Gvern ta' l-Indja jaġġusta l-benefiċċji żejda meta l-liċenzji jkun għalqilhom iż-żmien, jiġifieri 30 xahar mill-ħruġ tal-liċenzja, billi l-prassi komuni hija li jsir użu ta' żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull waħda. Madankollu, din l-allegazzjoni ma setgħetx tiġi vverifikata għaliex ebda liċenzja li użat Jindal ma għadha ġiet mifdija.
- (27) Il-bidliet fl-amministrazzjoni tal-FTP 2004-09, li saru effettivi fil-ħarifa ta' l-2005 (it-trażmissjoni mandatorja tar-reġistru tal-konsum lill-awtoritajiet Indjani fil-kuntest tal-proċedura ta' redenzjoni) għadhom ma ġewx applikati fil-każ ta' Jindal. Għalhekk, l-implimentazzjoni de facto ta' din id-dispożizzjoni ma setgħetx tiġi vverifikata, f'dan l-istadju.
- (e) *Konklużjoni*
- (28) L-eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni hija sussidju fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, fis-sens li n-nuqqas ta' ġbir tad-dazji ta' l-importazzjoni li normalment ikunu dovuti huwa kontribut finanzjarju tal-Gvern ta' l-Indja, li jagħti benefiċċju lill Jindal billi jtejjeb il-likwidità tagħha.
- (29) Barra minn hekk, l-erba' sottoskemi użati minn Jindal (jiġifieri dawk elenkati hawn fuq taħt (i) sa (iv)) huma kontinġenti fil-liġi fuq il-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huma meqjusa li jkunu speċifiċi u soġġetti għal miżuri kumpensatorji skond l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr l-obbligu li tesporta kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji taħt dawn l-iskemi. Ovvjament, dan huwa l-każ fir-rigward ta' l-iskemi (i), (ii) u (iv), iżda anki l-ALS deemed exports tissodisfa dan il-kriterju fil-każ attwali, minħabba li l-provvista lil EOU fl-aħħar mill-aħħar timmira lejn esportazzjonijiet reali.
- (30) Is-sottoskemi użati fil-każ preżenti ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi permissibbli ta' ħlas lura ta' dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura ta' dazju fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Huma m'humiex konformi mar-regoli stretti preskritti fl-Anness I partita (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għall-ħlas lura ta' dazju) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għal sistemi li jissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju) tar-Regolament bażiku. Il-Gvern ta' l-Indja ma applikax effettivament is-sistema jew il-proċedura ta' verifika tiegħu biex jikkonferma jekk u f'liema ammonti l-materja għall-produzzjoni kinitx ikkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi alternattivi għall-ħlas lura ta' dazju, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Is-SIONs għall-prodott ikkonċernat ma kinux preċiżi biżżejjed. Is-SIONs infushom ma jistgħux jitqiesu bħala sistema ta' verifika tal-konsum attwali, għaliex l-għamla ta' dawk in-normi standard ġenerużi żżejjed ma tippermettix lill-Gvern ta' l-Indja li jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti liema ammonti ta' materji ġew ikkunsmati fil-produzzjoni għall-esportazzjoni. Barra dan, ma jsirx kontroll effettiv mill-Gvern ta' l-Indja bbażat fuq ir-reġistru tal-konsum b'mod korrett.

- (31) Il-kumpanija, fil-kummenti li għamlet wara l-kxif, qalet li hi żżomm reġistru tal-konsum kif suppost, u, għalhekk, hemm fis-seħħ sistema ta' verifika xierqa skond l-Anness II tar-Regolament bażiku. Qalet ukoll li l-ALS taħdem bħala skema ta' sostituzzjoni, biex materji mingħajr dazju jkunu jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' prodotti mibjugħa domestikament, sakemm il-materji mingħajr dazju jkunu, direttament jew permezz tas-sostituzzjoni, ikkunsumati fil-produzzjoni ta' prodotti li sussegwentement jiġu esportati f'perjodu raġonevoli ta' żmien. Madankollu, anki jekk il-kumpanija żżomm reġistru, tal-konsum tal-materja prima biex tipproduċi kwantità tal-prodott ikkonċernat, hija ma żammitx sistema li biha tkun tista' tivverifika liema materji qed jintużaw fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti, kif stipulat fl-FTP 2004-09 (l-Appendiċi 23) u skond l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ma żżommx sistema li biha jista' jiġi vverifikat li l-kwantità tal-materja li għaliha ntalab lura d-dazju ma tisboqx il-kwantità ta' prodott simili esportat, skond l-Anness III(II)(2). Fil-każ preżenti, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, jitqies li ma hemmx rabta bejn il-materji mingħajr dazju kkunsmati u l-prodott esportat, u għalhekk, ma hemmx sistema ta' verifika tajba fis-seħħ.
- (32) Għalhekk is-sottoskemi huma suġġetti għal miżuri kumpensatorji.
- (f) *Il-kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju*
- (33) L-ammont tas-sussidju ġie kkalkulat kif ġej: In-numeratur huwa s-somma tad-dazji ta' l-importazzjoni mhux imħallsa (dazju doganali bażiku u dazju doganali speċjali addizzjonali) fuq il-materjal importat taħt iż-żewġ sottoskemi (i) sa (iii) li japplikaw rispettivament għall-importazzjonijiet permezz tal-manifattur intermedju; fil-każ tas-sottoskema (iv), in-numeratur huwa s-somma tad-dazji fuq l-importazzjoni mhux imħallsa fuq il-materji użati fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PI tar-reviżjoni.
- (34) Il-kumpanija, fil-kummenti tagħha wara l-kxif, saħqet li d-dazji doganali għall-materja prima meħtieġa għall-produzzjoni tal-film tal-PET naqsu minn 15 % għal 7.5 % minn Marzu 2006, jiġifieri wara t-tmiem tal-PI, u talbet li l-Kummissjoni tqis din il-bidla fil-kalkolu tar-rata tas-sussidjar għall-ALS. Madankollu, minkejja li kien hemm waqtiet fejn tqiesu l-avvenimenti li ġraw wara l-PI, dan huwa ristrett għal ċirkostanzi straordinarji li f'dan il-każ ma jidherx li huwa l-każ. Għalhekk skond l-Artikoli 5 u 11(1) tar-Regolament bażiku, din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa.
- (35) Il-kumpanija saħqet ukoll, fil-kummenti tagħha wara l-kxif, li l-benefiċċju taħt is-sottoskema (iv) kien, fil-fatt, id-differenza fil-prezz bejn ix-xiri domestiku regolari materja għall-produzzjoni u x-xiri ta' materja għall-produzzjoni kontra l-invalidazzjoni ta' l-ALS, u pproduċiet xi kalkoli għal dan il-għan mingħajr ma tat evidenza ta' appoġġ. Madankollu, il-benefiċċju jiġi kkalkulat fuq il-bażi tad-dazju mhux imħallas fil-liċenzja billi l-prezz tal-bejgħ/xiri tal-materjal huwa purament deċiżjoni kummerċjali u ma jibdilx l-ammont ta' dazju mhux imħallas. Fi kwalunkwe każ, din il-dikjarazzjoni saret wara l-kxif għall-ewwel darba u, billi ma kienx hemm opportunità għall-Kummissjoni biex tivverifikaha, ma ġietx milqugħa.
- (36) Skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammonti ta' sussidju meta saru talbiet iġġustifikati. L-ammont sħiħ tad-dazji fuq l-importazzjoni mhux imħallsa ttehed bħala n-numeratur u mhux ir-remissjoni/eżenzjoni eċċessiva, kif qed tisħaq il-kumpanija, billi l-ALS ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II tar-Regolament bażiku. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, id-denominatur huwa l-valur tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni matul il-PI tar-reviżjoni. Il-kumpanija qalet li esportazzjonijiet meqjusa għandhom ikunu inklużi fil-valur tal-bejgħ totali ta' l-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-PI tar-reviżjoni. Iżda, billi dawn it-tranżazzjonijiet, fil-fatt, mhumiex esportazzjonijiet iżda huma bejgħ lis-suq domestiku, huma ma jistgħux ikunu klassifikati sew bħala esportazzjonijiet u għalhekk ma kinux inklużi fl-ammont tal-valur ta' bejgħ totali ta' l-esportazzjoni.
- (37) Ir-rata tas-sussidjar ġiet stabbilita għall-ammonti ALS għal 14.68 %.
- 2. L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolat tad-Dazji ('DEPBS' – Duty Entitlement Passbook Scheme)**
- (a) *Bażi legali*
- (38) Deskrizzjoni tad-DEPBS tinsab fil-paragrafu 4.3 ta' l-FTP 2004-09.
- (b) *Eliġibilità*
- (39) Jindal ma nstabitx li qed tuża d-DEPBS matul il-PI tar-reviżjoni, għalhekk mhix meħtieġa analiżi ulterjuri ta' jekk din l-iskema hijiex kumpensatorja.
- 3. Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni ('EOUS' – Export Oriented Units Scheme)/Żoni Ekonomiċi Speċjali ('SEZS' – Special Economic Zones Scheme)**
- (a) *Bażi legali*
- (40) Id-dettalji ta' dawn l-iskemi jinsabu fil-kapitolu 6 ta' l-FTP 2004-09, il-HOP I 2004-09 (EOUS), l-Att SEZ 2005 u r-regoli magħmula fil-qafas tagħhom (SEZS).

(b) *Eliġibilità*

(41) Ħlief għall-kumpaniji purament kummerċjali, l-intrapriżi kollha, li jintrabtu li jesportaw ċertu ammont mill-produzzjoni tagħhom ta' oġġetti jew servizzi jistgħu jitwaqqfu taħt l-iskemi EOUS jew SEZS. Jindal instabet li tibbenefika mill-EOUS iżda mhux is-SEZS matul il-PI tar-reviżjoni. Konsegwentement, l-analiżi tiffoka fuq l-EOUS biss.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(42) EOU tista' tiġi stabbilita kullimkien fl-Indja. Din l-iskema tikkomplementa dik tas-SEZS.

(43) L-applikazzjoni għal status ta' EOU trid tinkludi d-dettalji ta', inter alia, il-kwantitajiet ta' produzzjoni ppjanati, il-valur ipproġettati ta' l-esportazzjonijiet, rekwiżiti ta' l-importazzjoni u rekwiżiti indiġeni għal perjodu ta' ħames snin. Jekk l-awtoritajiet jaċċettaw l-applikazzjoni tal-kumpanija, it-termini u l-kundizzjonijiet imwahnha ma' l-aċċettazzjoni jiġu kkomunikati lill-kumpanija. Il-ftehim li bih il-kumpanija tkun rikonoxxuta taħt l-EOUS huwa validu għall-perjodu ta' ħames snin u jista' jiġġedded iktar.

(44) Obbligu kruċjali ta' EOU, kif spjegat fl-FTP 2004-09 huwa li jinkiseb dħul nett ta' munita barranija ('NFE' – net foreign exchange), jiġifieri f'perjodu ta' referenza (5 snin) il-valur totali ta' l-esportazzjonijiet irid ikun ikbar mill-valur totali ta' l-oġġetti importati.

(45) EOU hija intitolata għall-konċessjonijiet li ġejjin:

(i) eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni fuq kull tip ta' merkanzija (inklużi merkanzija kapitali, materja prima u oġġetti għall-konsum) meħtieġa għall-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, jew marbuta magħhom;

(ii) eżenzjoni minn dazju tas-sisa fuq merkanzija miksuba minn sorsi indiġeni;

(iii) rimborż ta' taxxa fuq il-bejgħ ċentrali mħallsa fuq merkanzija miksuba lokalment;

(iv) faċilità li tbiegħ sa 50 % tal-valur fob ta' l-esportazzjonijiet fis-suq domestiku – l-hekk imsejħa żona tariffarja domestika ('DTA') – fuq ħlas ta' dazji konċessjonali;

(v) eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul li normalment tkun dovuta fuq il-profitti magħmula fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni skond it-Taqsima 10B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, għal perjodu ta' 10 snin wara li jibded l-operazzjonijiet tagħha, iżda mhux iktar tard mill-2010;

(vi) possibbiltà ta' pussess ta' ekwità barranija ta' 100 %.

(46) L-unitajiet li joperaw taħt dawn l-iskemi huma marbuta taħt is-sorveljanza ta' l-uffiċjali doganali skond it-Taqsima 65 ta' l-Att dwar id-Dwana. L-EOUs huma obbligati bil-liġi li jżommu, fil-format speċifikat, rendikont xieraq ta' l-importazzjonijiet kollha, tal-konsum u l-użu tal-materjal importat kollu u ta' l-esportazzjonijiet li saru. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu ppreżentati perjodikament lill-awtoritajiet kompetenti ("rapporti ta' progress ta' kull tliet xhur u ta' kull sena"). Madankollu, "fl-ebda mument ma għandha [EOU] tkun mitluba tikkorrelata kull kunsinna importata ma' l-esportazzjonijiet, it-trasferimenti lil unitajiet oħra, il-bejgħ fid-DTA jew il-bilanċ fl-istokk tagħha", skond il-paragrafu 6.11.2 ta' l-FTP 2004-09.

(47) Il-bejgħ domestiku jintbagħat u jiġi rreġistrat fuq bażi ta' awtoċertifikazzjoni. Il-proċess tad-dispaċċ tal-kunsinj għall-esportazzjoni ta' EOU jkun sorveljat minn uffiċjal tad-dwana jew tas-sisa, li jkun stazzjonat fl-EOU b'mod permanenti.

(48) Jindal użat l-EOU biex timporta l-oġġetti kapitali bla ħlas ta' dazji ta' importazzjoni u biex tikseb ir-rimborż tat-taxxa ċentrali fuq il-bejgħ imħallsa fuq l-oġġetti akkwistati lokalment. Ma għamlitx użu mill-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjonijiet fuq il-materji primi peress li l-faċilità EOU, sabiex tipproduċi l-film tal-PET, tuża l-laqx tal-PET bħala materja prima. Dan il-laqx tal-PET jiġi prodott f'unità oħra tal-kumpanija mill-materji primi mixtrija taħt l-ALS.

(d) *Konklużjonijiet dwar l-EOU*

(49) L-eżenzjoni ta' EOU minn żewġ tipi ta' dazji ta' importazzjoni ("id-dazju doganali bażiku" u "d-dazju doganali speċjali addizzjonali") u r-rimborż tat-taxxa ċentrali fuq il-bejgħ huma kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Gvern ta' l-Indja fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-finanzi li kieku kienu jkunu dovuti lill-Gvern fin-nuqqas ta' din l-iskema jkunu ċeduti, u b'hekk jingħata benefiċċju lill-EOU fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, billi tittejjeb il-likwidità tagħha.

(50) Għalhekk, l-eżenzjoni mid-dazju doganali bażiku u mid-dazju doganali speċjali addizzjonali u r-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ tikkostitwixxi sussidji fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku. Fil-liġi dawn huma kontinġenti fuq l-esportazzjonijiet, u għalhekk huma meqjusa bħala speċifiċi u suġġetti għal miżuri kumpensatorji taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. L-iskop ta' l-EOU fir-rigward ta' l-esportazzjoni kif stipulat fil-paragrafu 6.1 tal-politika-FTP 2004-2009 huwa kundizzjoni meħtieġa biex jinkisbu l-inċentivi.

- (51) Barra dan, kien ikkonfermat li l-Gvern ta' l-Indja ma għandux sistema jew proċedura effettiva ta' verifika biex tikkonferma jekk u fliema ammonti materji għall-produzzjoni akkwistati bla dazju u/jew taxxa fuq il-bejgħ ġewx ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' l-iskemi alternattivi tal-ħlas lura ta' dazju, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Fi kwalunkwe każ, l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-oġġetti kapitali diġà mhix skema alternattiva permessibbli għall-ħlas lura tad-dazju, minħabba li l-oġġetti kapitali mhumiex ikkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni.
- (52) Il-Gvern ta' l-Indja ma għamilx eżami addizzjonali bbażat fuq l-oġġetti attwalment użati fil-produzzjoni li kienu involuti, għalkemm dan ikun meħtieġ li jsir normalment fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika effettiva (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku), u lanqas ma pprova li ma kien hemm l-ebda remissjoni żejda.
- (e) *Il-kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju*
- (53) Għal din ir-raġuni, il-benefiċċju suġġett għal miżuri kumpensatorji huwa l-eżenzjoni mid-dazji totali (id-dazju doganali bażiku u d-dazju doganali speċjali addizzjonali) li normalment ikun dovut waqt l-importazzjoni, kif ukoll ir-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ, it-tnejn matul il-perjodu ta' investigazzjoni (PI) tar-reviżjoni.
- (i) *Rimborż ta' taxxa ċentrali fuq il-bejgħ imħallsa fuq prodotti miksuba lokalment*
- (54) In-numeratur ġie stabbilit kif ġej: l-ammont tas-sussidju ġie kkalkulat fuq il-bażi tat-taxxa tal-bejgħ rimborsabbli fuq ix-xiri li sar għas-settur tal-produzzjoni, eż. partijiet u materjal ta' imballaġġ, matul il-PI tar-reviżjoni. Il-miżati li ġġarrbu neċessarjament biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.
- (55) Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat iġġenerat mill-bejgħ kollu għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PI tar-reviżjoni (id-denominatur), għaliex is-sussidju huwa kontinġenti fuq il-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati. Il-marġni ta' sussidju miksub b'dan il-mod kien ta' 0,04 %.
- (ii) *Eżenzjoni mid-dazji ta' importazzjoni (id-dazju doganali bażiku u d-dazju doganali speċjali addizzjonali) u rimborż tat-taxxa ċentrali fuq il-bejgħ fuq l-oġġetti kapitali*
- (56) Skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju kien ikkalkulat fuq il-bażi ta' l-ammont ta' dazju doganali mhux imħallas fuq l-oġġetti kapitali importati u l-ammont ta' taxxa fuq il-bejgħ rimborżat fuq ix-xiri ta' oġġetti kapitali, it-tnejn mifruxa fuq perjodu li rrifletta l-perjodu normali ta' deprezzament ta' oġġetti kapitali bħal dawn fl-industrija tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpanija qalet li din għandha tkun ir-rata ta' deprezzament li attwalment kienet użata mill-kumpanija fl-istqarrijiet finanzjarji tagħha. iżda, ir-rekwiżit fl-Artikolu 7(3) huwa interpretat li jirreferi għar-rata ta' deprezzament speċifikata fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-kumpanija, f'dan il-każ ir-rata speċifikata fl-Att ta' l-1956 dwar il-Kumpaniji. L-ammont ikkalkolat hekk, li jkun imbagħad attribwit għall-PI tar-reviżjoni, kien aġġustat billi ngħaddu miegħu l-interessi ta' matul dan il-perjodu sabiex jirrifletti l-valur tal-benefiċċju biż-żmien u b'hekk ikun stabbilit il-benefiċċju kollu ta' din l-iskema għal min irċevih. Id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku minn din is-somma biex wieħed jaasal għall-ammont ta' sussidju bħala n-numeratur. Skond l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat ta' l-esportazzjoni tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat matul il-PI tar-reviżjoni bħala d-denominatur xieraq, għaliex is-sussidju huwa kontinġenti fuq il-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati. Il-kumpanija qalet li esportazzjonijiet meqjusa għandhom ikunu inklużi fil-valur tal-bejgħ totali ta' l-esportazzjoni, imma din it-talba ma kinitx aċċettata għar-raġunijiet imniżżla fil-premessa (36) hawn fuq. Il-marġni ta' sussidju miksub b'dan il-mod kien ta' 1,26 %.
- (57) Għalhekk, il-marġni totali ta' sussidju taħt l-iskema EOU għal Jindal jammonta għal 1,3 %.
- 4. Export Promotion Capital Goods Scheme ('EPCGS') (l-Iskema ta' l-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni ta' l-Esportazzjoni)**
- (a) *Bażi legali*
- (58) Id-deskrizzjoni ddettaljata ta' l-EPCGS tinstab fil-Kapitolu 5 ta' l-FTP 2004-09 u fil-Kapitolu 5 tal-HOP I 2004-09.
- (b) *Eliġibilità*
- (59) Kwalunkwe manifattur-esportatur u negozjant-esportatur "marbut" ma' manifattur sekondarju jew fornitur ta' servizz huwa eliġibbli għal din l-iskema. Jindal instabet li tibbenefika minn din l-iskema matul il-PI tar-reviżjoni.
- (ċ) *Implimentazzjoni Prattika*
- (60) Taħt il-kondizzjoni ta' l-obbligu li tesporta, il-kumpanija titħalla timporta oġġetti kapitali (ġodda u – minn April 2003 – oġġetti kapitali diġà użati mhux qodma aktar minn 10 snin) b'rata mnaqqsa ta' dazju. Għal dan il-għan il-Gvern ta' l-Indja joħroġ liċenzja EPCG wara applikazzjoni u l-ħlas ta' dritt. Minn April 2000 l-iskema ttipprovdha għal rata ta' dazju ta' importazzjoni mnaqqsa ta' 5 % applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati taħt l-iskema. Biex jiġi sodisfatt l-obbligu ta' l-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jipproduċu ċertu ammont ta' oġġetti għall-esportazzjoni matul ċertu perjodu.

(d) *Konklużjoni dwar l-EPCGS*

- (61) L-EPCGS tipprovdi sussidji fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(21) tar-Regolament bażiku, billi l-Gvern ta' l-Indja ma jhux id-dħul li kien dovut. Barra dan, it-tnaqqis fid-dazju jibbenefika lill-esportatur, għaliex id-dazji mhux imħallsa waqt l-importazzjoni jtejbu l-likwidità tiegħu.
- (62) Barra dan, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, billi dawn il-liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn għall-esportazzjoni. Għaldaqstant, titqies bħala speċifika u soġġetta għal miżuri kumpensatorji taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.
- (63) L-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema alternattiva permissibbli għall-ħlas lura tad-dazju fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-oġġetti kapitali m'humiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stipulat fl-Anness I, partita (i), tar-Regolament bażiku, għaliex huma ma jgħux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni.
- (e) *Il-kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju*
- (64) In-numeratur ġie stabbilit kif ġej: l-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi ta' dazju tad-dwana mhux imħallas fuq prodotti kapitali importati mifruxa fuq perjodu li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament normali ta' prodotti kapitali bħal dawn fl-industrija tal-film PET, li, għar-raġunijiet imniżżla fil-premessa (56) hawn fuq, kien meqjus bħala r-rata speċifika fl-Att ta' l-1956 dwar il-Kumpaniji u mhux dak li attwalment użat il-kumpanija. L-imghap żdied ma' dan l-ammont biex jirrifletti l-valur sħiħ tal-benefiċċju maż-żmien. Id-drittijiet li neċessarjament iġġarrbu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu, skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.
- (65) Il-kumpanija saħqet li l-oġġetti kapitali importati mingħajr dazji taħt l-iskema EPCG għall-użu fl-unità Khanvel ma għadhomx jintużaw u li l-benefiċċju marbut ma' dawn l-oġġetti ma għandux jiġi inkluż fin-numeratur. Madankollu, billi ma hemmx evidenza li l-kumpanija ma għadx għandha dawn l-oġġetti fil-pussess tagħha u li mhux se terġa' tużahom, il-Kummissjoni se jkollha tirrifjuta din id-dikjarazzjoni.
- (66) Skond l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fattura ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat iġġenerat matul il-PI tar-reviżjoni (id-denominatur), għaliex is-sussidju huwa kontinġenti fuq il-mod kif tkun marret l-esportazzjoni. Il-kumpanija qalet li esportazzjonijiet meqjusa għandhom ikunu inklużi fil-valur tal-bejgħ totali ta' l-esportazzjoni, imma din it-talba ma kienetx aċċettata għar-raġunijiet imniżżla fil-premessa (36) hawn fuq. Is-sussidju li kisbet jindal huwa 1,11 %.

5. *Export Income Tax Exemption Scheme ('EITES') (L-Iskema ta' Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul)*(a) *Bażi legali*

- (67) Il-bażi legali ta' din l-iskema tinsab fl-Att ta' l-1961 dwar it-Taxxa tad-Dħul, li jiġi emendat kull sena bl-Att dwar il-Finanzi. Dan ta' l-aħħar jistabbilixxi kull sena l-bażi għall-ġbir tat-taxxi kif ukoll id-diversi eżenzjonijiet u tnaqqis li jistgħu jkunu mithuba. L-Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni eż. jistgħu jintalbu eżenzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul taħt it-taqsimha 10B ta' l-Att ta' l-1961 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul.

(b) *Implimentazzjoni Prattika*

- (68) Jindal ma nstabitx li qed tuża benefiċċji taħt EITES, u għalhekk mhix meħtieġa analiżi ulterjuri ta' jekk din l-iskema hijiex kumpensatorja.

6. *Export Credit Scheme ('ECS') (Skema tal-Kreditu għall-Esportazzjoni)*(a) *Bażi legali*

- (69) Id-dettalji ta' l-iskema huma stipulati fiċ-Ċirkulari Prinċipali IECD Nru 5/04.02.01/2002-03 (Kreditu għall-Esportazzjoni f'Munita Barranija) u ċ-Ċirkulari Prinċipali IECD Nru 10/04.02.01/2003-04 (Kreditu għall-Esportazzjoni fir-Rupe) tal-Bank tar-Riserva ta' l-Indja ('RBI'), li huma indirizzati lill-banek kummerċjali kollha fl-Indja.

(b) *Eliġibilità*

- (70) L-esportaturi li jimmanifatturaw u n-negozjanti li jesportaw huma eliġibbli għal din l-iskema. Jindal instabet li tibbenefika minn din l-iskema matul il-PI tar-reviżjoni.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (71) Taħt din l-iskema, ir-RBI jiffissa b'mod obligatorju l-ogħla livell ta' rati ta' interessi applikabbli għall-kreditu għall-esportazzjoni, kemm fir-Rupe Indjan kif ukoll fil-munita barranija, li l-banek kummerċjali jistgħu jiċċarġjaw lill-esportatur "bil-ħsieb li l-kreditu jsir disponibbli għall-esportaturi b'rati kompetittivi internazzjonalment". L-ECS tikkonsisti f'żewġ sottoskemi, il-Pre-Ship-ment Export Credit Scheme (l-iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni qabel it-trasport bil-baħar) ("kreditu għall-ippakkjar"), li tkopri kreditu pprovdut lill-esportatur biex jiffinanzja x-xiri, l-ipproċessar, il-manifattura, l-ippakkjar u/jew it-trasport bil-baħar ta' l-oġġetti qabel ikunu esportati, u l-Post-Ship-ment Export Credit Scheme (l-iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni wara t-trasport bil-baħar), li tipprovdi għal self ta' kapital ċirkolanti bl-iskop li wieħed jaħdem bih sakemm jidħol il-ħlas ta' l-oġġetti esportati. Ir-RBI jordna wkoll lill-banek biex jipprovdu ċertu ammont mill-kreditu bankarju nett tagħhom għall-finanzjament ta' l-esportazzjoni.

(72) B'riżultat ta' dawn iċ-Ċirkularijiet Prinċipali tar-RBI, l-esportaturi jistgħu jiksbu kreditu għall-esportazzjoni b'rati ta' interessi preferenzjali meta mqabbla mar-rati ta' interessi għall-kreditu kummerċjali ordinarji (kreditu ta' flus), li huma ffissati skond il-kundizzjonijiet tas-suq.

(d) *Konklużjoni dwar l-ECS*

(73) L-ewwelnett, bit-tnaqqis fl-ispejjeż ta' l-iffinanzjar meta mqabbel mar-rati ta' interessi fis-suq, ir-rati ta' interessi preferenzjali hawn fuq jagħtu benefiċċju fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku lil dawn l-esportaturi. Minkejja li l-kreditu preferenzjali taħt l-ECS jingħataw mill-banek kummerċjali, dan il-benefiċċju huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(1)(iv) tar-Regolament bażiku. Ir-RBI huwa istituzzjoni pubblika, li taqa' għalhekk taħt id-definizzjoni ta' "gvern" kif spjegat fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament bażiku u huwa jordna lill-banek kummerċjali biex jiffinanzjaw b'mod preferenzjali lill-kumpaniji li jespportaw. Dan l-iffinanzjar preferenzjali jammonta għal sussidju, li huwa meqjus li hu speċifiku u suġġett għal miżuri kumpensatorji billi r-rati ta' interessi preferenzjali huma kontinġenti fuq il-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, skond l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(e) *Il-kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju*

(74) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn l-interessi mħallsa fuq il-kreditu għall-esportazzjoni użati matul il-PI tar-reviżjoni u l-ammont li kien irid jitħallas kieku kienu applikati l-istess rati ta' interessi li kienu applikabbli għal self kummerċjali ordinarju użat mill-kumpanija. Dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni (id-denominatur) skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku għaliex is-sussidju huwa kontinġenti fuq l-esportazzjonijiet u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Jindal użat il-benefiċċji taħt l-ECS u ngħatat sussidju ta' 0,1 %.

7. Duty-Free Replenishment Certificate (DFRC) (Ċertifikat ta' Mili mill-Ġdid Mehlu mid-Dazju)

(a) *Bażi legali*

(75) Il-bażi legali għal din l-iskema tinsab fil-paragrafu 4.2 ta' l-FTP 2004-09.

(b) *Implimentazzjoni Prattika*

(76) Jindal ma nstabitx li qed tuża benefiċċji taħt id-DFRC matul il-PI tar-reviżjoni, għalhekk mhix meħtieġa analiżi ulterjuri ta' jekk din l-iskema hijiex kumpensatorja.

III. Skemi Reġjonali

Skema ta' Pakkett ta' Inċentivi (PSI – Package Scheme of Incentives) tal-Gvern ta' Maharashtra

(a) *Bażi legali*

(77) Biex jinkoraġġixxi l-istabiliment ta' l-industriji fiż-żoni inqas żviluppata ta' l-Istat, il-Gvern ta' Maharashtra ilu jagħti inċentivi lill-unitajiet ġodda li jespandu u jistabbilixxu ruħhom f'reġjuni li qed jiżviluppaw ta' l-Istat, sa mill-1964, taħt l-iskema magħrufa komunement bħala l-"Iskema ta' Pakkett ta' Inċentivi". L-iskema għet emendata diversi drabi mid-dħul tagħha u l-"Iskema ta' l-1993" kienet applikabbli mill-1 ta' Ottubru 1993 sal- 31 ta' Marzu 2001 waqt li l-aħħar emenda, il-PSI 2006, iddaħħlet fil-margniet tal-"Politika ta' Maharashtra dwar l-Industrija, l-Investment u l-Infrastruttura ta' l-2006" fir-rebbiegħa ta' l-2006 u huwa previst li se tkun eliġibbli għall-applikazzjoni sal-31 ta' Marzu 2011. Il-PSI tal-Gvern ta' Maharashtra hija komposta minn bosta sottoskemi, fejn dik ewlenija hija l-għotjiet diretti permezz ta' l-hekk imsejħa sussidji tal-promozzjoni industrijali, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-bejgħ lokali u d-dazju ta' l-elettriku u r-rifużjoni tat-taxxa oċtroi.

(78) Jindal għadha tuża inċentivi taħt il-PSI 1993 sa Mejju 2011 u mhux taħt skemi suċċessivi. Konsegwentement, il-PSI 1993 biss għet evalwat fil-kuntest ta' dan il-każ.

(b) *Eliġibilità*

(79) Biex ikunu eliġibbli, il-kumpaniji jridu jinvestu fiż-żoni inqas żviluppata jew billi jwaqqfu stabbiliment industrijali għdid jew billi jagħmlu investment kapitali fuq skala kbira biex jespandu jew jiddiversifikaw stabbiliment industrijali eżistenti. Dawn iż-żoni huma kklassifikati skond l-iżvilupp ekonomiku tagħhom f'kategoriji differenti (per eżempju żona inqas żviluppata, żona ħafna inqas żviluppata, u żona l-inqas żviluppata). Il-kriterju prinċipali biex ikun stabbilit l-ammont ta' inċentivi huwa ż-żona li fiha l-intrapriża tinsab jew se tkun tinsab u d-daqs ta' l-investment.

(ċ) *Implimentazzjoni Prattika*

(80) Remissjoni fuq it-taxxa tal-bejgħ lokali fuq il-bejgħ ta' oġġetti lesti. L-oġġetti normalment ikunu soġġetti għal taxxa lokali fuq il-bejgħ (għall-bejgħ bejn l-istati) jew, fl-imgħoddi, it-taxxa ta' l-Istat fuq il-bejgħ (għall-bejgħ fl-Istat) flivelli li jvarjaw skond f'liema Stat/Stati jsiru t-transazzjonijiet. F'April 2005, il-leġiżlazzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ għal bejgħ intra-Statali fil-Maharashtra għet mibdula b'sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud ('VAT'). Taħt l-iskema ta' l-eżenzjoni, l-unitajiet innominati mhumiex meħtieġa jiġbru taxxa fuq il-bejgħ għat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tagħhom. Bl-istess mod, l-unitajiet innominati huma eżentati mill-ħlas tat-taxxa lokali fuq il-bejgħ fuq ix-xiri tagħhom ta' oġġetti minn fornitur li huwa nnifsu huwa eliġibbli għall-iskema. Jindal instabet li bbenefikat minn din l-eżenzjoni fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ matul il-PI tar-reviżjoni.

(81) Ir-rimbors tad-dazju fuq l-elettriku: L-unitajiet eliġibbli għal rifużjoni tad-dazju fuq l-elettriku għall-elettriku kkunsmat għal skopijiet ta' produzzjoni fuq perjodu ta' seba' snin mid-data tal-produzzjoni kummerċjali. Fil-każ ta' Jindal dan il-perjodu ta' seba' snin skada fil-31 ta' Marzu 2003. Konsegwentement, Jindal ma għadhiex eliġibbli għar-rimbors tad-dazju fuq l-elettriku.

(82) Ir-rimbors tat-taxxa Octroi: Octroi hija taxxa miġbura mill-Gvernijiet lokali fl-Indja, inkluż il-Gvern ta' Maharashtra, fuq l-oġġetti li jidħlu fil-limiti territorjali ta' belt jew distrett. L-intrapriżi industrijali jkunu intitolati għal rifużjoni tat-taxxa octroi mill-Gvern ta' Maharashtra, jekk l-istabiliment tagħhom ikun jinsab f'ċerti bliet speċifikati fit-territorju ta' l-Istat. L-ammont totali li jista' jingħata lura huwa ristrett għal 100 % ta' l-investiment kapitali fiss. L-impjant ta' Jindal jinsab barra mil-limiti tal-belt u għalhekk, fiha nnifisha hija eżentata mit-taxxa octroi u din is-sottoskema mhijiex applikabbli f'dan il-każ.

(d) *Konklużjoni dwar il-PSI 1993 tal-Gvern ta' Maharashtra*

(83) Jindal kisbet biss drittijiet ta' remissjoni għat-taxxa fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti matul il-PI tar-reviżjoni, li fl-imgħoddi nstabt li ma tagħtix benefiċċju lir-riċipjent (il-premessa (144) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006. Konsegwentement, il-PSI mhijiex suġġetta għal miżuri kumpensatorji f'dan il-każ.

IV. Ammont ta' sussidji suġġetti għal miżuri kumpensatorji

(84) L-ammont ta' sussidji suġġetti għal miżuri kumpensatorji ddeterminati skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament bażiku, *espress ad valorem*, għall-esportatur-produttur investigat huwa ta' 17,1 %. Dan l-ammont ta' sussidjar jaqbeż il-limitu *de minimis* imsemmi fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

SKEMA	ILS	EOUS	EPCGS	EKS	TOTAL
	%	%	%	%	%
Jindal	14,68	1,30	1,11	0,1	17,1

V. Karattru dejjiemi taċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward tas-sussidjar

(85) Skond l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għe eżaminat jekk il-kontinwazzjoni tal-miżura eżistenti fis-

seħħ kinitx biżżejjed biex tikkumpensa s-sussidju suġġett għal miżuri kumpensatorji li qed jikkawża l-ħsara.

(86) Kien stabbilit li matul il-PI tar-reviżjoni, Jindal kompliet tibbenefika mill-għoti ta' sussidji suġġetti għal miżuri kumpensatorji mill-awtoritajiet Indjani. Barra minn hekk, ir-rata tas-sussidju nstabt matul din ir-reviżjoni li hija ħafna ogħla minn dik stabbilita matul l-investigazzjoni oriġinali. Ma kienet disponibbli ebda evidenza li turi li l-iskemi mhux se jtkomplew jew li progressivament se jspicċaw fil-futur qrib.

(87) Billi ntweru li l-kumpanija tirċievi sussidjar ħafna ogħla minn qabel u li aktarx tkompli tirċievi sussidji ta' ammont ogħla minn dak iddeterminat fl-investigazzjoni oriġinali, huwa konkluż li t-tkomplija tal-miżura eżistenti mhix biżżejjed biex tikkumpensa s-sussidju suġġett għal miżuri kumpensatorji li qed jikkawża l-ħsara u li l-livell tal-miżuri għandu għalhekk jiġi emendat biex jirrifletti s-sejbiet il-ġodda.

VI. Konklużjoni

(88) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tal-livell ta' sussidjar ta' Jindal u l-insuffiċjenza tal-miżuri eżistenti biex jikkumpensaw is-sussidji suġġetti għal miżuri kumpensatorji misjuba, id-dazju kumpensatorju fir-rigward ta' Jindal għandu jiġi emendat biex jirrifletti l-livelli ġodda ta' sussidjar misjuba.

(89) Id-dazju kumpensatorju emendat għandu jiġi stabbilit bir-rata l-għdida ta' sussidjar misjuba matul ir-reviżjoni preżenti, għaliex il-marġni ta' ħsara kkalkulat fl-investigazzjoni oriġinali għadu ogħla.

(90) Bi qbil ma' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, l-ebda prodott ma għandu jiġi suġġett għal dazji *anti-dumping* kif ukoll għal dazji kumpensatorji bil-għan li tiġi ttrattata l-istess sitwazzjoni li tinħoloq minn *dumping* jew minn sussidju ta' l-esportazzjoni. Madankollu minħabba Jindal hija soġġetta għal dazju *anti-dumping* ta' 0 % fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx fil-każ preżenti.

(91) Jindal, il-Gvern ta' l-Indja u l-industrija Komunitarja ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom se tiġi rakkomandata l-emenda tal-miżuri fis-seħħ u nġhataw l-opportunità jikkumentaw. Il-Gvern ta' l-Indja ma tax kummenti, u l-kummenti ta' Jindal ġew diskussi fil-premessi rilevanti għal kull kumment speċifiku hawn fuq.

(92) Il-kumpanija, fil-kummenti tagħha wara l-kxif, talbet lill-Kummissjoni biex taċċetta impenn li tgħolli l-prezz biex tpatti għas-sussidji suġġetti għal miżuri kumpensatorji li nstabu. Il-Kummissjoni eżaminat il-proposta tal-kumpanija u tqis li impenn biex jiżdied il-prezz ma jistax jiġi aċċettat. Impenn biex jiżdied il-prezz ibbażat fuq gruppi ta' prodotti, kif issuġġerit mill-kumpanija, jippermetti ammont kbir ta' flessibilità biex jinbidlu l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti fil-grupp. Il-film tal-PET għandu bosta fatturi li jiddifferenzjawh u li dejjem jevolvu, li fil-biċċa l-kbira jiddeterminaw il-prezz tal-bejgħ. Konsewwentement, il-bidliet f'dawk il-fatturi jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet. Sforz biex jiġu sottodiviżi l-gruppi biex isiru iktar omoġenji f'termini tal-karatteristiċi fiżiċi jwassal għal multiplikazzjoni tal-gruppi u b'hekk il-monitoraġġ ma jibqax prattikabbli, partikolarment billi l-

awtoritajiet doganali jsibuha iktar diffiċli biex jagħrfu d-differenza bejn it-tipi ta' prodotti u l-klassifikazzjoni tal-prodotti skond il-grupp fl-importazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, l-aċċettazzjoni ta' impenn biex jiżdied il-prezz ma titqiesx bħala waħda prattika fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku. Jindal ġiet infurmata u nġhatat l-opportunità tagħti fehmha. Madankollu, il-kummenti tagħha ma biddlax il-konklużjoni ta' hawn fuq.

(93) Billi India Polyfilms Limited, kumpanija li qabel kienet relatata ma' Jindal, ingħaqdet ma' Jindal fl-1 ta' April 1999 u ma għadhiex aktar entità separata, hija tneħħiet mil-lista mniżżla fl-Artikolu 1(2).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Ir-rata ta' dazju applikabbli għall-prezz nett liberu fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju fuq l-importazzjonijiet prodotti fl-Indja mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju definnittiv (%)	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
Ester Industries Limited 75-76, Amrit Nagar, Behind South Extension Part-1, New Delhi – 110 003, India	12,0	A026
Flex Industries Limited A-1, Sector 60, Noida 201 301 (U.P.), India	12,5	A027
Garware Polyester Limited Garware House, 50-A, Swami Nityanand Marg, Vile Parle (East), Mumbai 400 057, India	14,9	A028
Jindal Poly Films Limited 56 Hanuman Road, New Delhi 110 001, India	17,1	A030
MTZ Polyfilms Limited New India Centre, 5th floor, 17 Co-operaġe Road, Mumbai 400 039, India	8,7	A031
Polyplex Corporation Limited B-37, Sector-1, Noida 201 301, Dist. Gautam Budh Nagar, Uttar-Pradesh, India	19,1	A032
Il-kumpaniji l-oħra kollha	19,1	A999"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PINHO